QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO BA. LL.D.

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 1691/00**

**Allcare Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rappresentanza ta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sharon Anne Chetcuti sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Alan Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm373.28c) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-2 ta' Dicembru 1999 f'Marsa Industrial Estate, Marsa bejn il-vettura numru BBJ 294 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DAA 968 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurata Chetcuti, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici. Ghaldaqstant wara li rat li l-konvenut lanqas ma deher biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tiddikjara illi l-incident in kwistjoni sehh unikament b'tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Tillikwida d-danni fis-somma ta' tlett mija tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm373.28c) u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' tlett mija tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm373.28c).